**Mr. John Paul Fenech**

**FITA AGM Speech 2007**



Insellmilkom sinjuri

Jien jisimni John Paul Fenech u Ghandi 19 il-sena.

Nixtieq nghidilkom dwar l-esperjenza tieghi fl-uzu tas-servizzi tal-FITA w kif din ghinitni intejjeb il-kwalita' tal-hajja tieghi.

Jien il-kompjuter min dejjem inhobbu w xtaqt nithgallem nuzah sewwa. Esperjenza qarsa ta' bullying fl-iskola sekondarja ftit snin ilu mhux bis gaghlitni nitlaq l-iskola izda hallitni b-biza' kbira li nerga' nithallat go klassi ma tfal ohra.

Bl-ghajnuna tal-FITA din w l-MCAST din il-biza' inhossni mhux biss li ghelibtha izda irnexxieli naghmel hbieb godda.

Jiena nattendi kors tal-kompjuter training tal-ECDL fl-iskola tal-MCAST, Paola, w l-istudenti tal-klassi kollha nifhmu lil-xulxin. Ghalhekk zgur ma hemmx lok u biza' ta' bullying. Anzi drajna hafna lil-xulxin u sirna hbieb.

Waqt dan il-kors inhossni verament rilassat ghax il-klassi fiha ftit studenti w nistghu nahdmu flimkien.

Grazzi ghall-FITA, l-Education Division w l-MIIIT li provdew zewg tutors, notes kemm irridu u sessions twal ta' revizjoni, u grazzi ghall-fatt li l-kors jimxi bil-pass tal-istudenti, tassew qieghed nifhem dak kollu li qed nitghallem.

Anke l-iskola tal-MCAST, Paola, fejn issa qed natteni, inhoss illi hi ideali ghax fl-opinjoni tieghi huwa post b'ambjent sabih u li jilqak. Ghalkemm mezzi ta' trasport ghal persuni li juzaw il-wheelchair baqaw ghaljin wisq, zgur li fl-MCAST is-sitwazzjoni fejn ghandu x'jaqsam accessibilita' tjiebet.

Jiena b'dan il-kors inhossni wisq aktar konfidenti f'dak li hu uzu tal-kompjuter. Tista' tghid kwazi kuljum nixghelu ghal haga jew ohra. Li tghallimt nuza' l-Internet bizzejjed jien. Arani nfittex informazzjoni dwar dawk is-suggetti li-jinteressawni. Daqqa fuq il-klieb, daqqa sports u spiss fuq xoghol tal-iskola. Ghandi holma kbira li xi darba mmur New York u erhini nfittex informazzjoni w stampi fuq l-Amerika w l-Amerikani.
Inhobb wkoll inpingi w spss inqatta' hin twil naghmel xi stampa kulurita' fuq il-kompjuter.

Jiena niehu sehem fl-Special Olympics, u meta xahar ilu shabi marru c-Cina ghall-World Games, tghidx kemm hadt gost l- kont kapaci insib ir-rizultati taghhom fuq l-Internet. Affarijiet li minghajr dan il-kors tal-FITA ma kontx naghmilha.

Nixtieq illi is-sistema tal-edukazzjoni tibqa' toffri korsijiet bhal dawn w anke ohrajn aktar avvanzati. Importanti li jinghataw opportunitajiet lill-persuni b'dizabilita' biex juzaw dan it-taghlim biex anke jtejbu il-pozizzjoni tax-xoghol taghhom fil-futur.

Nixtieq nirringrazzja l-FITA w entitajiet bhall-MCAST, MIIIT, Education Division w ST Microelectronics li gharfu jghinuha, tal-gid li qed jaghmlu, w lilkom sinjuri talli ghogobkom tisimghuni.

John Paul Fenech